



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022
(OR. en, pl)

9133/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0405(NLE)

EMPL 166
SOC 267
EDUC 152
ECOFIN 432

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment - Dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni Ungeriża u dik Pollakka

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness dikjarazzjonijiet mid-delegazzjoni Ungeriża u dik Pollakka b'rabta mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq.

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA DWAR IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-
KUNSILL DWAR KONTIJET INDIVIDWALI TAL-APPENDIMENT**

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali.

Barra minn hekk, it-test tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijet individwali tal-appendiment jirreferi għal diversi dokumenti, li l-Ungerija ppreżentat dikjarazzjoni nazzjonali għalihom aktar kmieni. L-Ungerija żżomm id-dikjarazzjonijiet nazzjonali kollha tagħha magħmula qabel.

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA DWAR IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR KONTIJET INDIVIDWALI TAL-APPRENDIMENT

L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa fit-trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, fejn ir-Rakkomandazzjoni tirreferi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-Polonja ser tinterpretaha bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, f'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
